

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni “Manòu” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 704 481

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Ġunju 2020 fil-Każ R 1504/2019-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżzentat fil-11 ta' Awwissu 2020 – Guo vs EUIPO – Sand Cph (sandriver)

(Kawża T-505/20)

(2020/C 320/61)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Xiuling Guo (Shanyang Town, iċ-Ċina) (rappreżentant: L. Le Stanc, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sand Cph A/S (Kopenħagen, id-Danimarka)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva sandriver – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 15856297

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' revoka

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Ġunju 2020 fil-Każ R 2019/2019-2

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara ammissibbli r-rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;

- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrent fil-proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Bord tal-Appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikoli 60(1)(a) u 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi ġie kkonstatat li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni għall-pubbliku bejn it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea li ġiet qabel Nru 3 105 491 u t-trade mark semi-figurattiva tal-Unjoni Ewropea tar-rikorrent li ġiet wara Nru 15 856 297.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2020 – Daimler vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-509/20)

(2020/C 320/62)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Daimler AG (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Wimmer, C. Arhold u G. Ollinger, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata adottata mill-konvenuta skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament u tal-Kunsill (¹), b'mod partikolari skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(5), sa fejn l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni jispeċifika, fil-kolonne D u I rispettivament tat-Tabella 1 u tat-Tabella 2 tal-Anness I, l-emissjonijiet speċifiċi medji taċ-CO₂ u l-ifrankar taċ-CO₂ mill-ekoinnovazzjoni jiet fir-rigward tar-rikorrenti;
- tissospendi din il-proċedura sal-għoti ta' deċiżjoni finali li tagħlaq il-Kawża T-359/19; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors ineżami huwa intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1035 tat-3 ta' Ġunju 2020 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħsief għas-sena kalendarja 2018 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²).

Ir-rikors huwa bbażat fuq il-motivi segwenti.

1. L-ewwel motiv: ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 442/2009 flimkien mal-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2015/158 (³) u mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 725/2011 (⁴). Permezz tad-deċiżjoni tagħha, il-konvenuta kisret l-imsemmija dispożizzjoni jiet billi, fil-kuntest tal-metodu ta' ttestjar użat minnha għar-reviżjoni *ad hoc*, naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-prekundizzjonament specificu meħtieġ.
- Fl-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2015/158, il-Kummissjoni stabbilixxiet metodu ta' ttestjar specificu. Fil-premessa 10 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni tistabbilixxi b'mod impliċitu li dan il-metodu ta' ttestjar jeħtieġ prekundizzjonament specificu.